MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 89/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronald Apap**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronald Apap talli fl-24 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tat-3.30 a.m. fi Triq San Anard, Zejtun:

(1) saq vettura Nru. EBB-725 b'manjiera traskurata;

(2) saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza;

(3) kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(4) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paul D'Amato skond kif iccertifika Dr. S. Caruana M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Ronald Apap jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-artikoli 338(dd) u 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Ronald Apap hati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' disghin eruo, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni stante rinunzja da parti ta' Paul D'Amato. Inoltre, ai termini ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikatu mil-licenzja tieghu ghal perijodu ta' tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ronald Apapipprezentat fil-11 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti, fil-kaz illi tinterpreta li d-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti ta' procediment ezawrit fil-konfront tar-raba' imputazzjoni tammonta ghal xi forma ta' liberazzjoni, tvarja u tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu r-raba' imputazzjoni u tirrevokaha kwantu l-ewwel tliet imputazzjonijiet, u f'kaz illi d-dikjarazzjoni ta' procediment ezawrit fil-konfront tar-raba' imputazzjoni ma tigix hekk interpretata, illi din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata kwantu l-ewwel tliet imputazzjonijiet billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi u f'kull sens, f'kaz li l-Qorti ssib htija, li tvarja l-piena ghal xi piena ohra aktar addattata ghal dan il-kaz skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Preliminarjament din il-Qori sejra tittratta l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell imqajma mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta’ Lulju 2008.

L-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li r-rikors ta’ appell ghandu jkun fih “taht piena ta’ nullita`”: *“(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.”* Issa, gie kostantement ritenut illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f’kaz ta’ talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta’ imputazzjoni wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[1].

Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jaghmel tliet talbiet, bl-ewwel tnejn li ghandhom jitqiesu bhala talbiet alternattivi. L-ewwel talba hi certament korretta u ghalhekk il-vot tal-ligi gie sodisfatt. Kwindi l-eccezzjoni tal-prosekuzzjoni qed tigi respinta.

L-aggravju ta’ l-appellant rigward l-ewwel tliet imputazzjonijiet hu li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Dan l-aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta’ April 2003.

ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legittimament u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant, u dan wara li semghet il-provi mill-gdid. Il-provi jistghu jigu sintetizzati hekk.

**P.S. 1386 A. Agius** qal fl-affidavit tieghu li fl-24 ta' Dicembru 2006 ghall-habta ta' l-4.00 a.m. mar l-ghassa taz-Zejtun certu Paul D'Amato li, b'referenza ghall-incident in kwistjoni, qal li kif kien sejjer lejn Santa Lucia mat-tifel tieghu Clint D'Amato biex jittowjaw ir-Rover li martu kienet allegat f'rapport fl-ghassa ta' Hal-Luqa li hu stess kien ghamel xi hsara fiha, kif wasal Triq San Anard fil-limiti taz-Zejtun, innota lil martu flimkien ma' Ronald Apap fil-vettura tieghu. Paul D'Amato qal li mar vicin il-vettura ta' Apap biex ikellmu, izda dan meta wasal vicin dahhal il-gear, laqtu u waqa' ma' l-art u sofra griehi ta' natura hafifa. Skond dan ix-xhud, waqt li Paul D'Amato kien qieghed jaghmel dan ir-rapport, marru l-ghassa Silvana D'Amato u Ronald Apap. Apap qallu li kienu nnotaw lil Paul D'Amato vicin il-vettura ta' Silvana u kif dan rahom telaq jigri minn fuq il-post. Kif induna li l-vettura ta' Silvana kellha xi hsara, qalilha biex iwassalha l-Fgura bil-vann tieghu. Kif kienu ghaddejjin minn Triq San Anard, Paul

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

D’Amato sakkrilhom it-triq, mar vicin tieghu u qabad itih fuq wiccu. Apap qal li rriversja izda nnega li laqat lil Paul D’Amato. Huwa mar il-Paola Health Centre fejn gie certifikat li qed isofri minn griehi ta’ natura hafifa.

**Paul D’Amato** xehed li l-incident in kwistjoni sehh fit-triq ta’ Bulebel fejn kien hem mil-Playmobil. Hu kien mat-tifel tieghu Clint u kienu sejrin Santa Lucia ghall-karozza tieghu Rover fejn martu u l-*partner* taghha, l-appellant Ronald Apap, kienu allegaw li rawh jaghmel hsara fl-istess karozza. Waqt li ghaddej mill-imsemmija triq, ra lil martu u l-appellant gejjin mid-direzzjoni opposta bil-van ta’ l-appellant. Ix-xhud qal li ghalhekk waqqaf, dar u waqqafhom u nizel biex ikellem lill-appellant bil-kelma t-tajba. It-tifel tieghu nizel ukoll izda fuq in-naha fejn kienet riekba martu. Ix-xhud qal li waqt li kien qieghed ikellem lill-appellant mit-tieqa b’idejh minn got-tieqa, l-appellant saq, kaxkru mat-triq u waqa’ ma’ l-art. Ghamillu tbengila f’koxtu. Ma tahx indikazzjoni li se jsuq. Qal li meta lill-appellant qallu biex jurieh fuq il-post xi hsara kellha l-karozza, l-appellant qallu li kienu rawh. Ftit wara pero` x-xhud qal li l-appellant *“Lanqas biss tkellem. Baxxa rasu hekk.”* Injorah. Glied ma kien hemm xejn. In kontro-ezami qal li meta waqqafhom huwa waqqaf quddiemhom normali billi pparkja fil-genb. Mistoqsi jekk bediex jirrabja qal li forsi kelma ggib lill-ohra u tgholli daqsxejn lehnek imma lanqas biss missu. Biex telaq ma rriversjax izda kien *on gear* u telaq bil-velocita`. F’wicc l-appellant ma rax feriti.

**Clint D’Amato** xehed li fil-gurnata in kwistjoni kien id-dar u mar missieru jqajmu  biex jghidlu li kienu cemplu mill-ghassa ta’ Rahal Gdid dwar rapport li kien baghbas il-karozza ta’ omm ix-xhud. Talbu biex imur mieghu Santa Lucia ghall-karozza. Quddiem il-Playmobil l-antika raw lill-appellant bil-vann u ommu riekba mieghu. Missier ix-xhud dawwar, waqqaf lill-appellant u nizel isaqsieh ghall-karozza. Kif kien qed ikellmu missier ix-xhud, l-appellant qala’ fuq ir-*wrong side* u kaxkar lil missieru. Ix-xhud qal li pparkjaw fuq is-*side* taghhom, mal-genb bi dritt mal-bankina (ghalkemm aktar ‘il quddiem fix-xiehda tieghu jghid li ma kienx hemm bankina). Missieru xeghel il-*hazard lights*. Il-vann waqaf erba’ jew hames metri

warajhom. Ix-xhud nizel ukoll mill-karozza u qaghad fejn il-vann ta' l-appellant quddiem il-karozza ta' missieru. Huwa sema' lil missieru jghid lill-appellant: "Ghidli fejn hi l-karozza ha mmur nigbidha, ha nara x'garalha." Skond ix-xhud, l-appellant bla rispett ta' xejn qabad saq *wrong side*. Qala' *gas down*. Missieru ma bediex jghajjat. L-appellant kellu t-tieqa nofsha mkissra u ghal mument missieru dahhal idejh minn got-tieqa.

**L-appellant Ronald Apap** xehed li fil-gurnata in kwistjoni hu u Silvana D'Amato kienu l-flat tieghu meta senghu hoss bhal tisbit. Hargu jittawlu mill-gallarija u raw lil Paul D'Amato b'rasu taht il-bonnett tal-karozza ta' Silvana D'Amato. Skond l-appellant, Silvana bdiet tibza' u qaltlu li ahjar tmur. Nizlet izda ce mplitlu u qaltlu li l-karozza ma riditx tistartja. Huwa nizel jara x'kellha, sab li kienet imbaghbsa, ghamlu rapport lill-Pulizija u offra li jwassalha d-dar. Fejn tal-Playmobil l-antika ra lil Paul D'Amato niezel bil-Peugeot u sakkarlu t-triq b'mod li hu ried jirriversja bil-fors. Billi t-tieqa tieghu mkissra iddecieda li jnizzilha ghax beza' li Paul D'Amato ha jweggghu. Qal li Paul D'Amato kien b'idu fuq ghonqu u jghidlu biex imur ihassar ir-rapport u l-appellant iwiegbu le. Dak il-hin li seta' jaghmel kien li jirriversja minn fuq il-post u qabad u rriversja filwaqt li Paul D'Amato baqa' mdendel ma' ghonqu. Beda jghidlu jerhieh izda ghalxejn. Ta first, ra kif skapulahom biex ma jweggghux u hareg bil-quddiem. Mar il-polyclinic ghal certifikat.

**Silvana D'Amato** fix-xiehda taghha bazikament ikkonfermat ix-xiehda ta' l-appellant. Dwar l-incident ta' Bulebel qalet li t-tifel qaghad mal-genb filwaqt li Paul D'Amato mar mat-tieqa ta' l-appellant jghidlu jmur ihassar ir-rapport filwaqt li l-appellant beda jwiegbu li ma jridx. Hi bdiet tghidlu lill-appellant "Suq, suq" ghax bdiet tibza'. L-appellant qallha "Kif nista' nsuq?" Fil-fatt ix-xhud qalet li ma setax isuq minhabba kif kienet il-Peugeot. Kompliet tghid li Paul D'Amato beda jghajjat, dahhal idjeh mit-tieqa, qabad lill-appellant u xejjirlu zewg daqqiet. L-appellant irriversja, qala' u saq. Qalet li Paul D'Amato dahal fil-karozza tieghu, beda jsuq sewqan eccessiv maghhom u beda qisu jsakkarhom. Marru l-Polyclinic ta' Rahal Gdid u

c-certifikat tawh lill-Pulizija. In kontro-ezami insistiet li zewgha ma kienx mar biex jirraguna izda biex igieghel lill-appellant inehhi r-rapport u fil-fatt qabdu minn grizmejh u xejjirlu zewg daqqiet.

L-appellant isostni illi fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha, ma tantx kellux xelta: jew jiddefendi ruhu mill-aggressjoni fejn il-glieda kienet teskala jew jahrab minn fuq il-post. Meta ddecieda li jahrab, kellu per forza jaghmel manuvra biex jirriversja minhabba l-imblokk tat-triq li holoq D’Amato. Imbaghad kellu jsuq ‘il quddiem u hawn Paul D’Amato pprova, a riskju tieghu, jimpedieh milli jaghmel dan. Ghalhekk il-fatti juru li l-agir ta’ l-appellant kien dovut ghall-aggressjoni ngusta u soggettivament gravi ta’ Paul D’Amato. Normalment, jghid l-appellant, fil-kuncett ta’ legittima difesa meta wiehed effettivament jiddefendi ruhu, il-prosekuzzjoni tishaq dwar il-kuncett ta’ inevitabilita`. F’dan il-kaz, ghax qieghed jevita l-aggressjoni, instab hati ta’ sewqan perikoluz u traskurat u talli kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li mix-xiehda ta’ Paul D’Amato l-appellant ma kellux jinstab hati ta’ l-imputazzjoni li kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied. Paul D’Amato stess jghid li l-appellant ma ghamilx storbju (anzi jghid li l-anqas tkellem) u li ma kienx hemm glied. Clint D’Amato wkoll fix-xiehda tieghu fl-ebda hin ma jallega li l-appellant b’xi mod ghajjat jew iggieled. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex issib htija dwar it-tielet imputazzjoni.

Nigu issa ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet. Mill-provi li semghet din il-Qorti hi sodisfatta li l-verzjoni li ta l-appellant hi aktar kredibbli minn dik li ta Paul D’Amato. Paul D’Amato jipprova jimminimizza l-agir tieghu izda b’mod riluttanti jammetti li kien qieghed ikellem lill-appellant mit-tieqa <u>b’idejh minn got-tieqa</u> u mistoqsi jekk bediex jirrabja qal li <u>forsi kelma ggib lill-ohra u tgholli daqsxejn lehnek</u> ghalkemm ma ammettiex li miss lill-appellant. Clint D’Amato wkoll jghid li ghal mument missieru <u>dahhal idejh minn got-tieqa</u>. Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li Paul D’Amato kien irrabjat bic-cirkostanzi kollha – martu qieghda ma’ l-appellant u dawn

kienu ghamlu rapport lill-Pulizija li Paul D'Amato kien ghamel xi hsara fil-karozza li kienet qed tuza martu, u Paul D'Amato ried "jipperswadi" lill-appellant biex inehhi r-rapport u dan min-naha tieghu beda jirrifjuta. M'hemmx dubju li dan ir-rifjut kompla jzid ir-rabja ta' Paul D'Amato. Jigifieri l-appellant, korroborat anke minn Silvana D'Amato, hu kredibbli meta jghid li l-manuvrar li ghamel bil-karozza kien intenzjonat biex jehles mill-aggressjoni ingusta ta' Paul D'Amato. U ma hemm l-ebda prova li s-sewqan tieghu, sija jekk l-ewwel irriversja mbaghad qala' u sija jekk qabad u qala', kien b'xi mod traskurat jew perikoluz b'mod li seta' jkun ta' dannu ghal utenti ohra tat-triq. Kwindi l-appellant ma kellux jinstab hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet u in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' disghin euro (€90) u in kwantu skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur, u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah kif ukoll tilliberah minn kull piena u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------